**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Zeriay Kiros Kidane**

**Kumpilazzjoni numru 527/2016**

**Illum 11 ta' Novembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Zeriay Kiros Kidane** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 113019 (A) billi huwa akkuzat talli nhar is-6 ta' Lulju 2014 gewwa l-lukanda Excelsior fil-Floriana u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

Ikkommetta serq ta' libsa ghad-dannu ta' Andrew Scerri u d-diretturi tal-lukanda Excelsior, u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jiskorri il-mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267, 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u rrikoferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: meta sehh ir-reat sentejn ilu, in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu, li hija wahda nadifa. Il-Qorti rat li wara dan il-kaz l-imputat tkecca mix-xoghol u l-paga dovuta lilu ma thallsitx minhabba dan il-kaz. Il-Qorti tat kaz ukoll li kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u difiza dwar il-piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**